# Iż-Żejtuni li kien l-ewwel Emigrant Malti fl-Awstralja



*Charles Buttigieg*



Antonio Azzopardi

Kien jismu Antonio Azzopardi. Twieled fil-25 ta' Jannar, 1805. Kien l-uniku iben tal-merkant Angelo Azzopardi. Ommu kien jisimha Euphemia, xebba Cachia. Ġie mgħammed fl-istess jum li twieled. Fil-magħmudija ngħata l-ismijiet Antonius, Cajetanus, Matthias. Il-parrini kienu Joseph Spiteri u Teresa Cardona. Ta' 34 sena, sar l-ewwel emigrant Malti li mar l-Awstralja b'għażla tiegħu. Fl-1839, wasal Melbourne, Victoria, fuq il-*Mary Hay*, barkun tal-injam li nbena l-Ingilterra fl-1837 u kien jiżen 258 tunellata.

L-ewwel Maltin li waslu l-Awstralja, kienu detenuti li ttieħdu hemm mill-ħakkiema Ingliżi fl-1810, kontra l-volontà tagħhom. L-Ingliżi kienu sabuhom ħatja li abbandunaw ir-reġimenti Brittaniċi li kienu fihom. Bi tpattija, ħaduhom f'wieħed mill-postijiet li fihom kienu jittrasportaw nies li jkunu ngħataw xi kundanna. Dawn il-Maltin kienu fost 'il fuq minn 160,000 raġel li l-gvern Brittaniku ttrasporta lejn l-Awstralja fi spazju ta' tmenin sena bejn l-1788 u l-1868.

It-trasport tal-ikkundannati Maltin lejn l-Awstralja tefa', għall-ewwel darba, għajnejn il-popolazzjoni Maltija fuq dak il-kontinent. Maż-żmien, kien hemm min beda jitħajjar imur l-Awstralja minn jeddu biex jesplora l-possibbiltà li jibni ħajtu hemmhekk. L-ewwel fost dawn kien hemm Antonio Azzopardi. Fl-ewwel snin tiegħu fl-Awstralja, Azzopardi ħadem bħala baħħar u inġinier fuq vapuri u *steamers*, f'Port Philip Bay. Meta ma baqax baħħar, ħadem bħala stampatur, litografu u *draughtsman* mal-gazzetta *Melbourne Herald*. Aktar tard f'ħajtu, huwa xtara stamperija u beda jħaddimha hu stess.

Il-fatt li Azzopardi kien l-ewwel immigrant Malti fl-Awstralja kellu l-iżvantaġġi tiegħu. Huwa ħabbat wiċċu ma' attakki razzisti, attakki fiżiċi vjolenti, attakki fuq il-proprjetà tiegħu u diskriminazzjonijiet. Ġieli wkoll kien jiġi mgħajjar. Biss huwa kien bniedem qalbieni, ma jaqtax qalbu. Kien kapaċi jirreżisti u jbati biex jibqa' miexi 'l quddiem. Li kellu jgħinu ftit, sakemm issoda saqajh fl-Awstralja, kien il-fatt li huwa kien sudditu Brittaniku. Inizjalment, dan il-fatt kien jagħtih farka vantaġġ fuq Ewropej oħrajn jew migranti li ma kinux jitkellmu bl-Ingliż.

**Bena familja**

Fit-23 ta' Ottubru, 1845, Antonio Azzopardi żżewweġ lil Margaret Hannah Sandeman (1818-1912), Skoċċiża minn Perth, f'Pertshire. Huma żżewġu *fil-Collins Street Melbourne Independent Congregational Church,* u marru jgħixu f'dar qrib l-*Old Melbourne General Post Office (Post Office Place)*.

Sentejn wara, fl-20 ta' Novembru, 1847, meta Azzopardi kien diġà sar missier, huwa ġie attakkat u ferut minn Patrick Keogh u martu Bridgette, li kienu ġirien tiegħu.

Skont rapport li deher fis-*Settlers' Journal* ta' Victoria, fit-23 ta' Diċembru, 1848, l-akkużati għall-ewwel qalu li ma kinux ħatja. Madankollu, wara li l-Prosekutur ressaq il-każ tiegħu, kienu lesti li jammettu ħtija ta' assalt komuni, li kienet l-aħħar minn ħames akkużi li l-Prosekutur ressaq kontrihom. Il-Prosekutur, però, ried li l-każ ikompli jinstema'.

Meta ssejjaħ biex jgħid x'ġara, Antonio Azzopardi xehed hekk: "Jien noqgħod ftit 'il hemm minn Triq Bourke, wara l-Uffiċċju tal-Posta, u naħdem bħala xufier (*carter*). Liż-żewġ akkużati nafhom u l-jum tal-20 ta' Novembru niftakru. Dakinhar rajthom, it-tnejn, għall-ħabta tal-10.30am. Is-Sinjura Keogh riedet twaqqafni milli nħaffer fossa. Hija ġiet b'furkettun u qaltli li kienet se tinfidni. Imbagħad ġabet mannara u attakkatni biha. Imbagħad ġie r-raġel akkużat u tani tliet daqqiet bil-martell ta' frosta (*hammer of a whip*). L-art fejn kont qed inħaffer hija tiegħi, u hemm ċint bejnha u dik tal-akkużati. Jien imwieled Malta."

Ix-xiehda ta' Azzopardi kienet konfermata minn William Merrick u martu Mary. Kuntistabbli xehed li meta huwa



wasal fil-post tal-attakk, sab lil Azzopardi bid-demm ħiereġ mill-ġrieħi li kellu u ħadu għand it-Tabib Greaves. Min-naħa tiegħu, it-Tabib Greaves xehed li Azzopardi kellu diversi ġrieħi f'rasu, li kienu perikolużi minħabba l-pożizzjoni tagħhom. Qal ukoll li Azzopardi kellu jinżamm taħt kura għal tlett ijiem.

Il-ġurati sabu lill-akkużati ħatja ta' assalt komuni. L-inkwiet ta' Antonio Azzopardi dwar daru, però, ma kienx spiċċa. Ġara li l-awtorità governattiva konċernata mill-akkwist ta' proprjetà fil-pajjiż qalet li huwa ma setax jiġi rikonoxxut bħala sid id-dar fejn kien qed joqgħod, għaliex kien barrani u għalhekk ma setax ikollu drittijiet ċivili fl-Awstralja.

Minħabba f'hekk, Azzopardi fetaħ kawża quddiem il-Qorti. Kien fit-2 ta' Ottubru, 1849, li Azzopardi deher quddiem il-Qorti bit-talba tiegħu biex jiġi magħruf bħala l-okkupant tad-dar fejn kien joqgħod ma' familtu, f'*Little Bourke Street*. Azzopardi saħaq, bil-ġurament, li hu kien Malti bit-twelid u għalhekk kien suddittu Brittaniku. Kompla jgħid li ladarba kien suddittu Brittaniku, kien kompletament intitolat li jkollu proprjetà fl-Awstralja, mingħajr il-bżonn li qabel jikseb in-"naturalizzazzjoni" bħala ċittadin Awstraljan.

Il-Qorti ddeċidiet li Azzopardi kien jikkwalifika u laqgħet it-talba tiegħu.

Azzopardi miet fl-1881, fir-residenza tiegħu. Kellu 76 sena.

L-istamperija tiegħu għaddiet f'idejn ibnu Angelo James Azzopardi (1847-1896), li barra milli kien stampatur kien ukoll skultur fl-injam u pittur bl-ilwien tal-ilma. Fl-1866, pitturi tiegħu tpoġġew għall-wiri fil-*Melbourne Intercolonial Exhibition*.

Il-koppja Antonio-Margaret kellhom ukoll tifla, li semmewha Claudina (1848-1942).

Fost id-dixxendenti ta' Azzopardi kien hemm l-Ambaxxatur Awstraljan Noel St Clair Deschamps (1908-2005), il-Kaptan tal-Armata Awstraljana tat-Tieni Gwerra Dinjija Paul Warnford Deschamps (1915-1976) li ngħata s-Salib Militari għall-Gwerra fil-Paċifiku, u Marguerite Henriette Mahood née Callaway (1875-1958).

**Wara Azzopardi**

Ftit kienu l-Maltin li mxew fl-istess triq ta' Azzopardi lejn l-Awstralja fis-snin immedjati ta' wara l-wasla tiegħu hemmhekk.

Sal-1881, in-numru ta' nies imweldin Malta li kienu f'Victoria, kien 73 biss. Dan minkejja li l-emigrazzjoni kienet bdiet issir importanti ħafna għal Malta. Barra li Malta kienet gżira żgħira nieqsa mir-riżorsi, il-ħakkiema Ingliżi kienu qed jinkuraġġixxu l-emigrazzjoni għax riedu li jimlew kemm jistgħu l-Imperu Brittaniku b'nies li kienu sudditi Brittaniċi.

Kien fl-1883, sentejn wara l-mewt ta' Antonio Azzopardi, li fl-Awstralja wasal l-ewwel grupp ta' 70 ħaddiem Malti, li magħhom kien hemm disa' żgħażagħ li kienu telgħu fuq il-vapur bil-moħbi. Il-grupp, li wasal *Queensland,* fuq il-vapur *Nudea*, kien akkompanjat minn Patri James Ambrose Cassar, Kapuċċin.

Fl-1910, feġġ l-*Immigration Restriction Att* tal-1910, tal-Awstralja. Minħabba din il-liġi, matul l-Ewwel Gwerra Dinjija l-emigrazzjoni tal-Maltin lejn l-Awstralja kienet ristretta ħafna. Fl-1920, imbagħad, iddaħħlet sistema ta' kwota għall-immigranti minn Malta. Wara pressjoni internazzjonali,



Parroċċa Sta. Katarina V.M. Żejtun

ĊERTIFIKAT TAL-MAGHMUDIJA
Baptism Certificate
Tagħrif mir-Reġistru tal-Magħmudija tal-Parroċċa S. Katarina V.M., ŻEJTUN.
Extract from the baptismal Records held in the Parish of St. Catherine, Żejtun, Malta.

Volum / Volume: X  Paġna / Page: 175

Ismijiet / Names: Antonius, Cajetanus, Mathias
Missier (isem u kunjom) / Father's name and surname: Angelo Azzopardi
Omm (u kunjom ta' xebba) / Mother's name and maiden surname: Euphemia Cachia
Post tat-Twelid / Place of Birth: Żejtun
Data tat-Twelid / Date of Birth: 25 ta' Jannar 1805
Data tal-Magħmudija / Date of Baptism: 25 ta' Jannar 1805
Parrinijiet / Godparents: Joseph Spiteri & Teresa Cardona
Data tal-Griżma / Date of Confirmation



Ċertifikat tat-twelid

fl-1923 il-kwota tjiebet. B'riżultat, sal-1933, f'Victoria kien hemm 395 persuna li kienu mweldin Malta. L-emigrazzjoni ta' gruppi u tal-massa minn Malta bdiet tiżdied, bil-mod il-mod, l-ewwel lejn Queensland u, wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, lejn Sydney.

L-emigrazzjoni Maltija lejn l-Awstralja laħqet il-quċċata tagħha wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-iżjed fis-snin Sittin. Fl-1948, bejn Malta u l-Awstralja ġie ffirmat ftehim biex tingħata assistenza lil dawk li jivvjaġġaw minn Malta lejn l-Awstralja. Dan kien l-ewwel ftehim tax-xorta tiegħu li sar ma' xi pajjiż ieħor barra r-Renju Unit. Il-ftehim wassal biex in-numru ta' Maltin li bdew imorru l-Awstralja beda jikber ġmielu.

Il-100,000 emigrant minn Malta wara l-Gwerra kienet Antonia Spiteri, li fit-18 ta' Jannar, 1965, bdiet vjaġġ bl-ajru lejn l-Awstralja. Jaraw lis-Sinjorina Spiteri sejra lejn l-Awstralja, fl-ajruport kien hemm Dr. Alexander Cachia Zammit, il-Ministru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali, li kien miż-Żejtun; Dun Philip Calleja, Fundatur u Direttur tal-Kummissjoni Emigranti; u Mr Colin Hendy, Uffiċjal Anzjan Awstraljan tal-Emigrazzjoni.

Sal-1966, il-għadd ta' nies imweldin Malta li kienu qed jgħixu f'Victoria, fejn Antonio Azzopardi kien rifes għall-ewwel darba fl-1839, kien ta' 26,452.

**Il-Maltin fl-Awstralja**

Skont l-aħħar ċensiment fl-Awstralja, il-komunità tal-emigranti Maltin hi fost l-aktar komunitàjiet anzjana u fost l-aktar li qed tonqos malajr. Minn popolazzjoni ta' 60,000 Malti u Maltija fl-1981, niżlet għal 37,600 fl-2016. Skont l-aħħar ċensiment fl-Awstralja hemm total ta' 175,500 persuna ta' nisel Malti. Ħafna minnhom huma tfal u tfal tat-tfal ta' emigranti Maltin li twieldu l-Awstralja. Il-popolazzjoni tal-Awstralja hija ftit iktar minn 24 miljun persuna.




